**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001**

**Numru** 6

**Citaz. Nru.** 611/97 FDP

**Blye Engineering Co Ltd**
**Vs**
**Mizzi Enterprises Ltd**

**Il-Qorti,**Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf disa' mija u disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1989.68) bhala bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' *Remote Condensing Units* lilha mibjugha u kkonsenjati u ta' diversi xogholijiet esegwiti u oggetti ohra lilha mibjugha u kkonsenjati, kif jidher ahjar mill-fatturi numri 196/95, 248/95, 34/96, 78/96 u 94/96, u l-i*statement of account* ta' l-10 ta' Marzu 1997, esebiti mac-citazzjoni bhala Dok "A" sa' "F";

Premess illi, ghalkemm interpellata biex thallas jew tersaq ghall-ftehim ta' arbitragg, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas is-somma ta' elf disa' mija u disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1989.68) dovuta lis-socjeta` attrici kif jidher ahjar mill-fatturi u l-i*statement of account* esebiti (Dok "A" sa' "F");

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-20 ta' Settembru 1996 u tat-2 ta' Jannar 1997, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti mibjugha u konsenjati lis-socjeta` konvenuta ma kienux tal-kwalita` pattwita peress illi r-*Remote*

*Condensing Units* ma jkesshux bizzejjed u cioe` sal-grad accettabbli fil-ligi;

2. Illi fil-fatt dawn ir-*Remote Condensing Units* fix-xhur tas-sajf partikolarment biex izommu l-kesha u l-friza adegwata biex il-prodott ma jiddeterjorax u jkun tajjeb biss ghar-rimi;

3. Illi d-direttur tas-socjeta` attrici jaf li dawn l-oggetti ma kienux tal-kwalita` pattwita u ghall-uzu li ghalih inxtraw tant illi tul l-ahhar sena u nofs precedenti kien regolarment jipprova jirranga s-sistema tal-friza pero` ghal xejn;

4. Illi l-konvenuti kienu qed isofru danni stante illi huma gew ikkonsenjati b'oggett mhux tal-kwalita` pattwita u ghalhekk huma qed jintavolaw kontro-talba ghar-rezoluzzjoni tal-kuntratt tal-bejgh u ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta;

Ghamlu wkoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn ippremettiet:-

Illi kienet xtrat minghand is-socjeta` attrici *Remote Condensing Units* skond fatturi esebiti fil-process Dokument "A" sa' "F";

Illi kienu gja hallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' Lm3250 u jonqos bilanc ta' Lm1989.68c;

Illi dawn ir-*Remote Condensing Units* ma kienux tal-kwalita` pattwita u ma jkesshux sal-grad accettabli tant li qed issir hsara lill-prodott li ghalih huma kienu intizi li jkesshu f'Sidis Supermarket f'Haz-Zebbug;

Illi dawn ir-*Remote Condensing Units* qed jikkawzaw hsarat lis-socjeta` konvenuta tant li fis-sajf partikolarment il-prodott jithassar malajr u ma jkunx tajjeb ghal konsum oltre hsarat fi prezz oghla li l-konvenut rikonvenzjonant ikollu jhallas biex jaghmel sistema gdida u adegwata;

Is-socjeta` konvenuta ppremettiet ukoll li l-attur rikonvenzjonat kien responsabbli ghall-hsarat kollha li l-konvenut rikonvenzjonant sofra, qed isofri u li ghad jista' jsofri minhabba l-inadempjenzi tieghu;

U illi l-attur rikonvenzjonat kien gie interpellat diversi drabi biex isewwi u/jew ibiddel is-sistema tar-*Remote Condensing Units* pero` baqa' inadempjenti;

Rat li wara dawn il-premessi, is-socjeta` konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-*Remote Condensing Units* mixtrija mill-konvenut rikonvenzjonant ghal Sidis Supermarket, Zebbug ma kienux tal-kwalita` pattwita u konsegwentement tiddikjara rizolt u xolt il-bejgh ta' dawn ir-*Remote Condensing Units*;

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrifondi lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' Lm3250 oltre l-imghax l-legali mis-17 ta' Lulju 1995;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur rikonvenzjonat kien responsabbli ghal hsarat kollha sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant, konsistenti f'telf ta' prodott kif ukoll fi spiza zejda li huwa jrid jaghmel biex jirrimpjazza dawn ir-*Remote Condensing Units* u dan fost affarijiet ohra li jigu ttrattati waqt il-kors tal-kawza;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi

5. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma hekk likwidata ghall-hsarat hekk sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti il-kontro-talba ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tas-socjeta` attrici rikovenzjonata fejn eccepiet:-

1. Illi l-kontro-talbiet tas-socjeta` konvenuta kienu ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-appalt moghti lill-eccipjenti kien gie esegwit skond is-sengha u l-arti u skond dak li ftehmu fuqu l-partijiet;

3. Illi l-oggetti kollha mibjguha u konsenjata lill-istess socjeta` konvenuta kienu tal-kwalita patwita;

4. Illi l-eccipjenti ma kienu ikkawzaw l-ebda danni lis-socjeta konvenuta;

U ghamlet wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici rikonvenzjonata u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu gie nominat l-Enginier Carmelo sive Charles Cuschieri biex jirrelata dwar il-kaz;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmi espert tekniku li jinsab a fol 31 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-Udjenza tal-5 ta' Novembru 1999;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici intavolat din il-kawza biex il-Qorti tikkundanna lil dik konvenuta thallasha s-somma bilancjali ta' Lm1989.68 ghal fornitura u xoghol esegwit fuq ordinazzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta cahdet li kellha thallas, anzi pprezentat kontro-talba biex il-bejgh tad-diversi oggetti trasferiti jigi dikjarat null minhabba kwalita` hazina u ghalhekk talbet ir-rifusjoni ta' Lm3250 imhallsa u l-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha allegatament sofferti;

Illi l-espert tekniku acceda fuq il-post u ezamina fid-dettal ix-xoghol esegwit u l-materjal provdut u kkonkluda "*ma jirrizultax li hemm xoghol hazin ta' refrigeration*" u ssottometta li t-talba attrici ghalhekk kellha tigi akkolta;

Illi skond il-verbal ta' l-Udjenza tat-8 ta' Novembru 2000, id-difensuri qablu li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza;

Illi l-Qorti ezaminat il-kontenut tar-relazzjoni bir-reqqa anke peress li jidher li s-socjeta` konvenuta ma attendietx ghall-ahhar seduti peritali; ir-rapport jindika li x-xoghol u l-materjal suppliet mis-socjeta` attrici kien skond il-ftehim u fil-fatt kien qed jintuza regolarment mis-socjeta` konvenuta li pero` jidher illi naqset milli kienet thaddimhom b'diligenza u skond l-istruzzjonijiet mehtiega, u irrizulta wkoll li kienet halliet xi difetti f'partijiet ohra tas-sistema ta' refrigeration li kienu fil-fatt gew akkwistati minghand terzi u mhux minghand is-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad il-hames talbiet tal-kontro-talba maghmula mis-socjeta` konvenuta;

Tilqa' it-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez kif mitluba u l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lis-socjeta` konvenuta ghandhom jithallsu mill-istess socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur